**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0443/2023**

15.12.2023

# RAPPORT

dwar it-tfassil ta' strateġija portwarja Ewropea komprensiva
(2023/2059(INI))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Tom Berendsen



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..................................................................................................16

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ....................................................................................................18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI ...........................19

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................28

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........29

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-tfassil ta' strateġija portwarja Ewropea komprensiva (2023/2059(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-Titolu XVIII tiegħu,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Is-sikurezza marittima: fil-qalba tat-tbaħħir nadif u modern" (COM(2023)0268),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Marzu 2023 dwar l-aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha bit-titolu "Strateġija mtejba għas-Sigurtà Marittima kontra theddidiet marittimi li qegħdin jevolvu (JOIN(2023)0008),

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima adottat mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Ġunju 2014,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE adottat mill-Kunsill Ewropew fis-26 ta' Ġunju 2018,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "The Global Gateway" (Il-Gateway Globali) (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Marzu 2019 bit-titolu "UE-Ċina – Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" tal-20 ta' Ġunju 2023 (JOIN(2023)0020),

– wara li kkunsidra l-pakkett tal-Kummissjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %" tal-14 ta' Lulju 2021 għat-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Mejju 2013 bit-titolu “Portijiet: magna għat-tkabbir” (COM(2013)0295),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Ottubru 2023 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-Traffikar tad-Droga u l-Kriminalità Organizzata,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija”,

– wara li kkunsidra d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali (2022/0347(COD) [għadha qed tiġi nnegozjata],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Settembru 2023 dwar il-varar ta’ infrastruttura ta’ fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Settembru 2023 dwar l-użu ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern[6],

---

[1] ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1.
[2] ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48.
[3] ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.
[4] ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38.
[5] ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.
[6] ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1.

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet[7],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE[8],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpaniji marittimi tal-linja (konsorzji), u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2023 dwar l-iskadenza tal-25 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013 (COM(2021)0812),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2021 dwar miżuri tekniċi u operattivi għal trasport marittimu aktar effiċjenti u aktar nadif[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019 dwar it-theddid għas-sigurtà marbut mal-preżenza teknoloġika Ċiniża li qed tiżdied fl-UE u azzjoni possibbli fil-livell tal-UE biex jitnaqqas[11],

– wara li kkunsidra l-istudju ta' Settembru 2023 intitolat "Investimenti Ċiniżi fl-Infrastruttura Ewropea Marittima", mitlub mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu[12],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0443/2023),

A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-UE għad-dinja u b'hekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija tagħha, jipprovdu l-ġid u l-impjiegi billi jiffaċilitaw il-kummerċ estern, jikkonnettjaw maż-żoni interni, jiżguraw it-tkabbir fl-ekonomija blu u l-produzzjoni industrijali, it-tranżizzjoni tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE;

---

[7] ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1.
[8] ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.
[9] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.
[10] ĠU C 506, 15.12.2021, p. 12.
[11] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 2.
[12] Mercator Institute for Chinese Studies, The Vienna Institute for International Economic Studies, Institute of International Economic Relations, Investimenti Ċiniżi fl-Infrastruttura Ewropea Marittima, Ottubru 2023.

B. billi l-portijiet jipprovdu servizz pubbliku vitali, li għalih għandhom jiġu rikonoxxuti u vvalutati;

C. billi, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-aktar livell baxx bejniethom għad-detriment tas-sigurtà jew influwenza politika akbar jew kontroll barrani permezz ta' investimenti minn entitajiet mhux tal-UE, b'mod partikolari intrapriżi kkontrollati jew influwenzati mill-istat;

D. billi l-intrapriżi tal-istat mhux tal-UE, jew l-intrapriżi kkontrollati direttament jew indirettament minn stati barranin żiedu b'mod strateġiku l-ishma finanzjarji u operazzjonali tagħhom fil-portijiet, fit-terminals, fil-kumpaniji u fl-infrastruttura tal-portijiet Ewropej;

E. billi l-Unjoni Ewropea enfasizzat ix-xewqa tagħha li tkun aktar awtonoma fis-setturi strateġiċi, iżda għamlet ftit biex twieġeb għat-tkabbir taċ-Ċina fis-settur marittimu u r-riperkussjonijiet tiegħu għas-sigurtà;

F. billi l-portijiet huma ambjenti tassew kumplessi b'bosta partijiet ikkonċernati u interessi differenti, u dan jagħmel l-għarfien u l-valutazzjoni tar-riskji ta' influwenza barranija eżerċizzju diffiċli iżda kruċjali;

G. billi i l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wriet ir-riskji inaċċettabbli li wieħed ikun dipendenti fuq pajjiżi uniċi mhux tal-UE f'setturi strateġiċi kif ukoll il-ħtieġa kruċjali li jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura u l-ktajjen ta' valur marittimi, biex jiġi żgurat il-fluss tal-merkanzija vitali;

H. billi l-portijiet ġeddew l-importanza mill-aspett militari u ta' difiża, inkluż l-użu doppju tal-infrastrutturi tal-portijiet;

I. billi l-portijiet Ewropej spiss jikkompetu ma' portijiet ta' pajjiżi terzi li fihom l-investimenti barranin ta' pajjiżi terzi qegħdin ikomplu jaggravaw in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-kompetittività u r-rispett għall-istandards ta' sostenibbiltà, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-pożizzjonijiet fiskali;

J. billi għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-effetti negattivi tal-imġiba evażiva permezz tar-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord lejn portijiet barra mill-UE, kemm f'termini ta' mminar tal-kompetittività tal-portijiet tal-UE kif ukoll ta' żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju;

K. billi l-portijiet kellhom rwol indispensabbli fil-ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE billi żguraw il-kontinwità tal-ktajjen tal-provvista u ppermettew li jiġu stabbiliti rotot alternattivi, inkluż billi stabbilew rotot alternattivi għall-forniment tal-gass naturali likwifikat (LNG) fi żmien qasir u billi żiedu l-ħażna tal-gass tal-Ewropa;

L. billi fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer il-portijiet spiss jipprovdu għajnuna vitali billi jservu bħala l-konnessjoni soċjali u ekonomika ewlenija mal-bqija tal-UE;

M. billi l-portijiet huma essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tat-tnaqqis tat-tniġġis u r-rwol essenzjali tal-enerġija rinnovabbli offshore; billi huwa importanti li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mill-bastimenti fiż-żoni tal-portijiet, inklużi l-emissjonijiet tal-karbonju iswed;

N. billi ż-żoni portwarji u l-operazzjonijiet portwarji madwar l-UE se jkunu vulnerabbli għaż-żieda fil-livell tal-baħar;

O. billi l-portijiet jikkombinaw u jissalvagwardjaw varjetà ta' attivitajiet kostali differenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-komunitajiet kostali u tal-ambjent tal-baħar billi jgħinu biex jinżammu l-ħabitats kostali u tittejjeb il-kwalità tal-arja fil-konurbazzjonijiet madwar il-portijiet;

P. billi ppjanar aħjar tal-loġistika bejn il-portijiet u l-klijenti, inklużi l-linji tat-tbaħħir, jista' jevita trasport bit-triq bla bżonn madwar l-Ewropa; billi aktar kooperazzjoni bejn il-portijiet, bl-għan li r-rabtiet intrareġjonali jsiru aktar stretti u jitnaqqsu l-konnessjonijiet, tista' twassal għal investimenti aktar effiċjenti fl-infrastruttura tal-portijiet, rotot ta' importazzjoni/esportazzjoni aktar reżiljenti u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, ta' flus pubbliċi u privati, u ta' kapaċitajiet li mhumiex utilizzati biżżejjed;

Q. billi l-portijiet huma parti minn ekosistema fuq l-ilma usa' li tinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż it-trasport marittimu, il-bini ta' vapuri, il-manifattura ta' tagħmir marittimu, in-navigazzjoni interna u l-loġistika;

R. billi l-ħtieġa apparenti għal approċċ multidixxiplinari u olistiku għall-portijiet Ewropej ma ssarrfitx f'miżuri konkreti mill-Kummissjoni, u dan irriżulta f'taħlita ta' regolamenti relatati mal-portijiet akkumulati maż-żmien;

***Influwenza barranija***

1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence dwar ir-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika u l-involviment operattiv ta' entitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[13], inkluż l-attivitajiet ta' bastimenti barranin;

2. Jappella lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll finanzjarju u operattiv eżerċitat fuq il-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom minn pajjiżi mhux tal-UE, inklużi każijiet ta' parteċipazzjoni u kontroll fil-ġestjoni ta' awtorità portwarja, fl-ispirtu li jinstab bilanċ bejn li l-ambjent ta' investiment jibqa' miftuħ u l-mitigazzjoni tar-riskji; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw ukoll l-involviment ta' pajjiżi terzi fil-portijiet ta' pajjiżi ġirien fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Politika tat-Tkabbir;

3. Jappella lill-Kummissjoni tipproponi qafas għall-monitoraġġ u għar-rapportar fuq bażi kontinwa, b'mod konġunt mal-Istati Membri, dwar l-influwenza tal-pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE, b'mod partikolari fil-portijiet TEN-T, fil-ġestjoni tat-terminals tal-UE u fit-tbaħħir globali tal-kontejners u tivvaluta r-rabtiet potenzjali bejn l-azzjonijiet ta' pajjiż mhux tal-UE partikolari f'dawn is-setturi;

4. Jisħaq li l-limitazzjoni tal-investimenti barranin, b'mod partikolari minn intrapriżi fejn l-istat huwa s-sid jew għandu kontroll jew influwenza, f'port individwali fi Stat Membru wieħed tista' taffettwa b'mod negattiv il-pożizzjoni kompetittiva ta' dak il-port meta mqabbla ma' portijiet ġirien li ma għandhomx dawn il-limitazzjonijiet, u dan

[13] AIVD, MIVD and NCTV, Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2, Novembru 2022.

jissottolinja l-ħtieġa ta' strateġija Ewropea konġunta għall-portijiet; iqis li t-tixrid asimmetriku tal-investimenti barranin bejn il-pajjiżi tal-UE jista' jhedded l-unità, il-kapaċitajiet ta' maniġġar ta' kriżijiet u r-reżiljenza tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-impatt potenzjali fuq l-impjiegi u l-kummerċ fil-livell lokali u tal-UE li jista' jirriżulta mil-limitazzjoni tal-investimenti mhux tal-UE fil-portijiet Ewropej;

5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet portwarji nazzjonali, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw format adegwat għall-kooperazzjoni strateġika bejn il-portijiet Ewropej sabiex jitnaqqas ir-riskju li atturi esterni jilagħbuhom kontra xulxin;

6. Jisħaq li minkejja l-eżistenza ta' mekkaniżmi protettivi fil-livell tal-UE, bħall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin u r-regoli tal-kompetizzjoni, dawn l-istrumenti mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw is-saħħa ekonomika dejjem akbar tas-setgħat esterni permezz ta' kumpaniji individwali, inklużi intrapriżi kkontrollati jew influwenzati mill-istat, u jiddependu ħafna fuq l-implimentazzjoni minn Stati Membri individwali;

7. Jissottolinja l-importanza li tiżdied il-kooperazzjoni tal-UE fl-iskrinjar u l-imblokkar ta' investimenti deħlin f'infrastruttura kritika fejn ma jistgħux jiġu esklużi impatti negattivi kbar fuq Stati Membri oħra jew fuq l-UE fl-intier tagħha, u li din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar it-theddid u l-opportunitajiet;

8. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rwol tal-miżuri protettivi għall-portijiet permezz ta' reviżjoni ambizzjuża tar-Regolament dwar l-Investimenti Diretti Barranin[14] (ir-Regolament dwar l-IDB), inkluż billi tagħmel sistema ta' skrinjar tal-investiment dirett barrani obbligatorja fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tiżgura li l-proċessi ta' skrinjar ikunu ċari u oġġettivi u li d-definizzjonijiet, il-kamp ta' applikazzjoni u l-aspetti proċedurali jkunu konsistenti fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE kollha;

9. Jissottolinja wkoll l-importanza kruċjali tal-mekkaniżmu fl-Artikolu [47] tar-Regolament TEN-T rivedut [xxx/2024], li jagħti mandat lill-Istati Membri biex jiskrinjaw l-investimenti ta' pajjiżi terzi fl-infrastruttura tat-TEN-T għar-riskji potenzjali tagħhom għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew l-awtonomija strateġika tal-UE, li jridu jitqiesu bħala komplementari għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-IDB, peress li dan il-mekkaniżmu japplika kemm għall-investimenti fl-infrastruttura (pereżempju bl-akkwist ta' ishma f'terminal) kif ukoll għal xogħlijiet ta' infrastruttura mwettqa fl-UE minn kumpanija ta' pajjiż terz (pereżempju f'akkwist pubbliku biex jinbena terminal f'port Ewropew) u peress li jipprevedi wkoll il-possibbiltà li Stati Membri oħra, potenzjalment affettwati, jipprovdu kummenti lill-Istat Membru li jwettaq l-iskrinjar, u l-applikazzjoni effettiva tiegħu għall-infrastruttura tal-port ikkonċernat għandhom ikunu pedament ta' strateġija portwarja Ewropea;

10. Jissottolinja l-importanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2560 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern; jappella lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-suq tas-settur portwarju u, jekk meħtieġ, tintervjeni *ex officio* kif previst fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament;

[14] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.

11. Jappella lill-Kummissjoni tirriċerka u tivvaluta l-impatt tal-integrazzjoni vertikali fil-loġistika marittima, tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Konsorzji, li ser jiskadi fl-2024, u tal-formazzjoni ta' alleanzi ta' tbaħħir tal-kontejners fuq l-influwenza tal-pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE; jappella lill-Kummissjoni tintervjeni kull meta jkun meħtieġ, sabiex tiżgura kompetizzjoni ġusta, bilanċ ta' poter ġust u kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha fl-ekosistema portwarja;

12. Jissottolinja li, b'mod partikolari, il-preżenza aggregata ta' intrapriżi taħt il-kontroll u/jew l-influwenza tal-istat Ċiniż fil-portijiet u n-nodi tan-network ewlieni tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għandha implikazzjonijiet importanti għar-reżiljenza u s-sigurtà tan-nodi individwali u tan-network kollu kemm hu; ifakkar li l-preżenza ta' investituri terzi fil-portijiet tista' xxekkel ir-rwol ta' użu doppju tagħhom;

13. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu b'urġenza valutazzjoni tar-riskju tal-involviment taċ-Ċina fl-infrastrutturi marittimi, li tinkludi l-impatt ta' dan fuq ix-xogħol u l-ambjent, id-dipendenzi u valutazzjoni tal-konġestjonijiet fit-trasport tal-merkanzija miċ-Ċina lejn l-UE u t-trażbord u li l-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll pajjiżi oħra mhux tal-UE;

14. Ifakkar li s-settur marittimu u s-settur portwarju fl-Ewropa huma kkaratterizzati minn akkumulazzjoni ta' strutturi ta' governanza differenti li għandhom mezzi differenti biex jippermettu investimenti, li jvarjaw minn skemi ta' liċenzjar u konċessjoni, fuq l-għoti ta' sjieda ta' infrastruttura tal-portijiet, sa setgħa kompletament operazzjonali fuq l-awtoritajiet portwarji; jevidenzja f'dan ir-rigward l-importanza tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-korpi tal-ġestjoni portwarja biex jissalvagwardjaw il-kontroll permezz tal-istabbiliment ta' diversi kundizzjonijiet (operattivi, soċjali, ambjentali, eċċ.), li skonthom għandu jitħaddem terminal; jissottolinja, madankollu, il-limiti ta' approċċ ibbażat esklużivament fuq konċessjonijiet portwarji u/jew kuntratti ta' kiri;

15. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri kollha jintroduċu liġijiet u jiżviluppaw pjanijiet ta' kontinġenza għal xenarju ta' kunflitt kbir jew stat ieħor ta' emerġenza, jew għal każijiet ta' użu ħażin ċar jew użu doppju ta' infrastruttura kritika b'riperkussjonijiet negattivi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku, sabiex ikunu jistgħu jieħdu kontroll mill-ġdid tal-portijiet, tat-terminals u ta' infrastrutturi marittimi oħra, inkluż il-kanċellazzjoni tad-drittijiet ta' konċessjoni u/jew is-sospensjoni tal-kapaċità ta' dominju f'każijiet ta' proprjetà u parteċipazzjoni;

16. Jappella biex l-investimenti pubbliċi u privati sinifikanti fil-portijiet li jinsabu fit-territorji ekstra-Ewropej u fir-reġjuni ultraperiferiċi jsiru raggruppamenti strateġiċi għat-trasport multimodali, il-ġenerazzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-enerġija kif ukoll id-difiża; jappella lill-Kummissjoni biex fil-proposta tagħha tinkludi dispożizzjonijiet biex tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE f'dawk il-portijiet;

*Sigurtà*

17. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod speċifiku l-ħtieġa li jipprevjenu u jnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'użu doppju jew funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO, inkluż permezz ta' bastimenti barranin;

18. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-użu ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners; iħeġġeġ investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp f'dawk l-oqsma sabiex il-kumpaniji tal-UE jkunu minn tal-ewwel fil-produzzjoni u fil-bejgħ ta' dawn it-teknoloġiji;

19. Iqis li operazzjonijiet loġistiċi kumplessi u diġitali ħafna jwasslu għal vulnerabbiltà akbar fl-interruzzjonijiet ta' ktajjen loġistiċi sħaħ; jitlob, għaldaqstant, li l-aċċess li entitajiet barranin ikkontrollati jew influwenzati mill-istat għandhom għal operazzjonijiet u informazzjoni tal-port jiġi limitat u mmonitorjat;

20. Jappella lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari għat-theddida li jistgħu joħolqu l-investimenti barranin għall-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari permezz ta' trasferimenti ta' teknoloġija furzata;

21. Jenfasizza li livell għoli ta' ċibersigurtà u reżiljenza ċibernetika tal-atturi kollha fil-portijiet tagħna huwa kruċjali biex jiġu evitati l-ispjunaġġ u t-tfixkil serju tas-sistemi u l-operazzjonijiet portwarji, filwaqt li r-riskju ta' theddid ċibernetiku żdied b'mod sinifikanti fl-aħħar ftit snin; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel aktar riċerka u tiġbor data dwar il-kopertura u r-riskji tal-involviment tal-kumpaniji mhux tal-UE fiċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tad-data fl-infrastruttura kritika u tappoġġja l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kontinġenza komprensivi għall-portijiet bl-appoġġ tekniku u operattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; iqis li r-riskju ta' effetti kollaterali negattivi minn nuqqas ta' ċibersigurtà minn port għal ieħor huwa kbir u li għalhekk għandhom jinżammu standards għoljin mill-Istati Membri kollha u li hija rakkomandata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi;

22. Jevidenzja l-importanza li qed tikber tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fuq il-baħar u taħt l-ilma (inklużi l-pipelines tal-enerġija, in-networks tal-komunikazzjoni u l-faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta) għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-ilmijiet tal-UE u tal-operazzjonijiet fihom;

23. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE fejn l-istat huwa s-sid jew għandu kontroll jew influwenza fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u għandu jiġi evitat;

24. Jiddeplora l-fatt li l-portijiet tal-UE jintużaw b'mod ħażin mill-organizzazzjonijiet kriminali bħala punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti, li għandu effett fuq is-soċjetà kollha kemm hi u jimmina s-sikurezza tal-portijiet, tal-bliet fil-viċinat u tar-residenti tagħhom; jappella lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; jilqa' f'dan ir-rigward il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2023 għall-ġlieda kontra t-Traffikar tad-Droga u l-Kriminalità Organizzata u jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ ikkoordinat tal-UE għall-ġlieda kontra kull tip ta' kriminalità organizzata transnazzjonali;

25. Jisħaq li l-portijiet Ewropej huma partikolarment esposti għat-traffikar ta' prodotti illeċiti oħra, bħal armi jew prodotti foloz, kif ukoll għal frodi doganali u tal-VAT u li

huwa wkoll meħtieġ li tissaħħaħ il-ġlieda kontra dawn l-attivitajiet; jissottolinja f'dan ir-rigward l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż fl-użu ta' għodod u data diġitali biex jiġu żgurati operazzjonijiet portwarji sikuri u siguri; iqis li, meta jkun hemm ġustifikazzjoni legali suffiċjenti, il-portijiet għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw l-għodod kollha li jeħtieġu biex jikkontribwixxu għas-sigurtà tagħhom;

26. Jissottolinja li s-sigurtà tal-portijiet tiddependi mir-reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima u fl-ambjent; jappella, għaldaqstant, lill-Kummissjoni twettaq studju biex tanalizza r-riskji klimatiċi għall-portijiet Ewropej u l-infrastruttura tat-trasport relatata, filwaqt li tistabbilixxi kategoriji ta' riskji (pereżempju livelli tal-baħar li qegħdin jogħlew, għargħar, sħana estrema) biex tanalizza r-riskji skont ir-reġjun u tidentifika l-miżuri biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji, inklużi l-ispejjeż ta' dawn il-miżuri u l-investimenti meħtieġa; jappella lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tar-riskju ambjentali fit-tul tal-infrastruttura portwarja kritika tagħhom u jieħdu miżuri ta' adattament f'waqthom;

*Ir-rwol tal-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija*

27. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku tal-UE, bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala ċentri tal-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, bħala stazzjonijiet tas-servizz u ċentri tal-manifattura għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija;

28. Ifakkar li sal-2030, l-UE għandha l-għan li timporta 10 miljun tunnellata ta' idroġenu ekoloġiku u li, biex tilħaq dan l-għan, strateġija komprensiva dwar l-importazzjoni, il-koordinament u l-iżvilupp tal-infrastruttura hija essenzjali għall-Istrateġija Ewropea tal-Portijiet u għandha tiġi stabbilita minnufih;

29. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u fit-terminals u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; jappella lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtieġa li jitħaffef il-proċess għall-ħruġ tal-permessi tal-espansjonijiet tal-portijiet fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija, bħall-varar ta' enerġija eolika, sabiex il-portijiet ma jsirux ostaklu fit-tranżizzjoni tal-enerġija; jevidenzja l-ħtieġa ta' ġestjoni aktar sostenibbli tal-ispazju marittimu u tal-kosti biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta; iħeġġeġ l-użu ta' żoni tal-port għall-varar tal-enerġija fotovoltajka u eolika;

30. Jisħaq fuq l-importanza ta' żieda fis-sinerġiji bejn in-network tat-trasport trans-Ewropew u n-network tal-enerġija trans-Ewropew;

31. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-portijiet fl-istrateġija tagħha għal Ekonomija Ċirkolari u tassisti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet portwarji lokali billi tipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati maċ-ċirkolarità; jappella lill-Kummissjoni tindirizza l-problema li dejjem qed tikber ta' tnixxija taż-żejt fil-portijiet u fil-kanali tat-tbaħħir;

32. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti r-riżultati fir-rigward tal-ambizzjoni tagħha ta' bidla modali kif imressqa fil-Patt Ekoloġiku u tindirizza l-isfidi li jifdal għall-passaġġi fuq l-ilma interni u, speċjalment, biex jissaħħaħ l-użu tal-merkanzija ferrovjarja fil-portijiet u l-konnettività tagħhom mal-art interna;

33. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet, fl-industrija tal-bini tal-vapuri kif ukoll fis-settur marittimu mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u finanzjament pubbliku u privat adegwat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ, edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja li jibqgħu validi fil-futur, u li jiġi promoss id-djalogu soċjali, biex il-ħaddiema tal-portijiet jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u biex l-industrija ssir aktar attraenti għan-nisa; jisħaq li r-rwol soċjetali importanti tal-portijiet li jipprovdu bosta impjiegi diretti u indiretti u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri għall-ħaddiema kollha tal-portijiet u tas-settur marittimu; jevidenzja li l-kriżijiet reċenti wrew li l-baħħara, il-membri tal-ekwipaġġ, is-sajjieda u l-ħaddiema tal-portijiet huma ħaddiema "tal-ewwel linja" essenzjali u l-benesseri tagħhom huwa vitali biex id-dinja tibqa' għaddejja;

***Il-kompetittività tal-portijiet u l-kumpaniji tal-UE***

34. Jisħaq li l-Istrateġija Portwarja Ewropea għandu jkollha l-kompetittività tal-portijiet bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin;

35. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà kif ukoll għas-sovranità tal-katina tal-provvista tal-Ewropa; iqis li l-leġiżlazzjoni Ewropea m'għandhiex timmina l-kompetittività tal-portijiet tal-UE u toħloq rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju għall-portijiet barra l-UE;

36. Jissottolinja r-riskji ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord tal-kontejners lejn portijiet mhux tal-UE bl-għan li jiġu evitati r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS)[15] u r-Regolament FuelEU Maritime[16]; jappella għall-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tat-trażbord ta' dawn iż-żewġ leġislazzjonijiet biex tiġi identifikata u pprojbita tali mġiba kif ukoll għal valutazzjoni dwar jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex biżżejjed biex jiskoraġġixxu b'mod effettiv l-imġiba evażiva għad-detriment kemm tal-ambjent kif ukoll tat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali;

37. Jappella lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet Ewropej sabiex jibqgħu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-valutazzjonijiet tal-investimenti, kemm pubbliċi kif ukoll privati;

[15] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
[16] Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE, ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48.

38. Jissottolinja li sabiex tinżamm il-kompetittività tal-portijiet tal-UE u l-funzjonament ta' Strateġija Ewropea tal-Portijiet possibbli, għandhom jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi li jistgħu jimminaw il-ħidma ta' tali strateġija;

39. Jenfasizza li strateġija Ewropea konsistenti għall-portijiet hija essenzjali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta; iħeġġeġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-portijiet Ewropej u l-eliminazzjoni ta' prattiki dannużi bħall-ipprezzar aktar baxx milli suppost;

40. Iqis li unjoni doganali li tiffunzjona tajjeb hija fundamentali għall-kompetittività, għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza tal-UE; jemmen li unjoni doganali riformata u msaħħa b'kodiċi doganali komuni se tippreserva l-integrità tas-suq uniku, filwaqt li tgħin biex tinżamm il-kompetittività tal-UE fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta bejn il-portijiet Ewropej;

41. Jisħaq li d-differenzi fil-politiki tal-proċedura doganali fil-punti tad-dħul tal-UE fl-unjoni doganali spiss ifixklu l-flussi kummerċjali u tipperikola l-integrità tas-suq uniku Ewropew;

42. Ifakkar fl-importanza li jkun hemm fis-seħħ kontrolli doganali armonizzati fil-portijiet Ewropej kollha biex tiġi evitata applikazzjoni differenti ta' standards sanitarji jew ta' diliġenza dovuta; jinsisti li l-Kummissjoni tiżgura li l-kontrolli doganali fl-UE kollha jsegwu l-istess standards, permezz ta' mekkaniżmu dirett unifikat ta' kontroll doganali, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u b'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

43. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom f'ekosistema vasta tat-trasport fuq l-ilma ta' loġistika u industrija marittima u ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej;

44. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw leġiżlazzjoni restrittiva dwar il-kabotaġġ marittimu fiċ-Ċina, li effettivament ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet Ċiniżi, meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; jappella lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tintroduċi liġi reċiproka tal-UE dwar il-kabotaġġ marittimu li tista' tapplika għal ċerti trasportaturi mhux tal-UE, bħaċ-Ċina; ifakkar fil-fatt li n-nuqqas ta' reċiproċità tal-investiment fil-portijiet tagħmel ħsara lill-interessi tal-UE;

45. Jissottolinja l-importanza tal-inizjattiva tal-UE Global Gateway bħala alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"; jenfasizza l-potenzjal tal-proġetti tal-Global Gateway fl-industrija marittima (eż. l-infrastruttura tal-portijiet, il-konnessjoni bejn l-art interna u ferrovjarja, l-idroġenu ekoloġiku) biex jinħoloq network ta' portijiet li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment u s-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku;

46. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa, il-kapaċità u r-reżiljenza tal-konnessjonijiet maż-żoni interni tal-portijiet Ewropej, partikolarment dawk li huma parti mit-TEN-T, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' tnaqqis fl-emissjonijiet u effiċjenza enerġetika u bl-għan li ssir kemm jista' jkun bidla mit-trasport intern għal dak ferrovjarju u bil-

passaġġi fuq l-ilma interni filwaqt li ssir tħejjija wkoll għall-impatti tat-tibdil fil-klima bħal avvenimenti tat-temp estrem u livelli baxxi tal-ilma f'passaġġi fuq l-ilma interni;

47. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tistabbilixxi "atlas" ta' portijiet Ewropej li jimmappja, fost affarijiet oħra, id-disponibbiltà li l-portijiet kummerċjali Ewropej għandhom ta' provvista tal-enerġija fuq l-art u l-fjuwils alternattivi, l-infrastruttura interna (b'mod partikolari l-ferroviji) u l-korsiji tat-tbaħħir, li possibbilment jista' jinbena abbażi tal-mapep interattivi tat-TENtec u l-Osservatorju Ewropew tal-Fjuwils Alternattivi u li iżda għandu jinkludi wkoll portijiet iżgħar u aktar informazzjoni; iqis li tali mmappjar jista' jgħin biex jifforma bażi fattwali ġenerali għall-iżvilupp kontinwu tal-portijiet tal-UE u l-industriji relatati, bħat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, it-traffiku tal-kruċieri, is-sajd, l-enerġija eolika, il-bunkering tal-fjuwil u l-manifattura;

48. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima, bħall-bini tal-vapuri u l-katina tal-provvista tiegħu, fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur fuq l-ilma prosperuż; jappella lill-Kummissjoni tirriċerka u tivvaluta l-impatt tad-dipendenza tal-Ewropa fuq manifattura marittima barranija, tiddefinixxi b'mod urġenti strateġija ambizzjuża Ewropea dwar l-industrija marittima u tieħu miżuri adegwati biex issaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tat-tarzni tal-Ewropa u l-ktajjen tal-provvista kollha tagħhom;

49. Jappella lill-Kummissjoni tintroduċi qafas diġitali abilitanti li jistimula programmi għall-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-portijiet, bħall-programmi dwar portijiet intelliġenti, bl-għan li jittejbu l-effiċjenza, il-produttività u s-sostenibbiltà tal-portijiet; jissottolinja, b'mod partikolari, il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni għall-ottimizzazzjoni tal-waqfiet fil-portijiet (biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija fl-ilmijiet kostali u fil-portijiet), il-wasliet eżatt fil-ħin, is-sistemi avvanzati ta' navigazzjoni (għall-iffrankar tal-fjuwil u t-tnaqqis tal-emissjonijiet), is-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (għal aktar sikurezza fuq il-baħar u infurzar aħjar tad-dispożizzjonijiet ambjentali) kif ukoll għal droni u soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali li jwasslu għal deċiżjonijiet aħjar dwar l-infrastruttura tal-portijiet;

50. Jenfasizza li se jkun meħtieġ li jiġu allokati finanzjament u strumenti ta' finanzjament adegwati lill-portijiet biex dawn jibqgħu kompetittivi, ikollhom rwol ta' faċilitaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika u jrażżnu r-riskji ta' influwenza barranija; jitlob biex jiżdied il-finanzjament allokat għall-portijiet taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jissottolinja l-importanza tal-investimenti privati fil-portijiet u li l-kumpaniji huma dawk li jipprovdu impjieg u innovazzjoni fil-portijiet u madwarhom;

### *Konklużjoni*

51. Jappella biex isir Summit Portwarju Ewropew fejn ikomplu jiġu żviluppati l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u jiġu esplorati l-possibbiltajiet għal kooperazzjoni msaħħa bejn il-portijiet Ewropej għal dan l-għan;

52. Jappella lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija Portwarja Ewropea komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq sa tmiem l-2024;

○

° °

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Minħabba l-importanza strateġika tal-portijiet għas-settur tat-trasport Ewropew u għall-ekonomija Ewropea kollha kemm hi, ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi bi prijorità Strateġija Portwarja Ewropea komprensiva li tiżgura l-kompetittività u r-reżiljenza futuri tal-portijiet Ewropej u tipprevjeni kwalunkwe dipendenza barranija f'dan is-settur.

Wara li l-Ewropa ġiet ikkonfrontata brutalment bid-dipendenza enerġetika unilaterali tagħha mir-Russja, l-Unjoni qed tiffaċċja l-ħolqien ta' dipendenzi barranin ġodda, din id-darba fis-settur tat-trasport. L-investimenti fil-portijiet minn atturi statali barranin minn reġimi awtokratiċi, bħaċ-Ċina, kienu sinifikanti matul dawn l-aħħar għoxrin sena.

L-influwenza barranija fuq l-infrastruttura kritika Ewropea hija problematika peress li għandha l-potenzjal li ddgħajjef is-sigurtà, l-indipendenza ekonomika u r-reżiljenza tal-Istati Membri individwali u tal-Unjoni kollha kemm hi. Peress li tippermetti tali influwenza barranija, l-UE hija dejjem aktar ekonomikament vulnerabbli u perċettiva għal pressjoni illeġittima minn pajjiżi terzi awtokratiċi. Barra minn hekk, meta partijiet barranin jiksbu għarfien dwar flussi sħaħ ta' merkanzija li tidħol u toħroġ mill-UE, jiżdied ir-riskju ta' spjunaġġ – riskju li s-servizzi tal-intelligence nazzjonali diġà ilhom iwissu kontrih.

L-ebda port jew Stat Membru individwali ma jista' jwarrab dawn l-investimenti faċilment, peress li wieħed irid iqis ir-riskju li dan l-investiment sempliċiment se jmur għand kompetitur fil-qrib jew lejn Stat Membru ġar. Dan ifisser li approċċ Ewropew konġunt huwa kruċjali, b'mod partikolari peress li vulnerabbiltà fi Stat Membru wieħed hija vulnerabbiltà għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Fl-istess ħin, ir-rapporteur jirrimarka li, minbarra li jiġu indirizzati r-riskji għas-sigurtà permezz ta' aktar kooperazzjoni, regolamentazzjoni u infurzar Ewropej fil-livelli kollha, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika proprja tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom fuq livell globali huma kruċjali. Il-portijiet għandhom rwol vitali fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jistgħu jibbenefikaw minn investimenti, innovazzjoni, diġitalizzazzjoni u kundizzjonijiet ekwi globali.

Biex tinqaleb din it-tendenza huwa kruċjali li l-Istati Membri u l-portijiet jadottaw bi prijorità approċċ strateġiku komuni u strett lejn l-iżvilupp tal-infrastruttura kritika tagħna. Għalhekk, minbarra r-reviżjoni tar-Regolament TEN-T u r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB, nappellaw lill-Kummissjoni tipproponi Strateġija Portwarja Ewropea komprensiva li tiżgura l-kompetittività tal-portijiet Ewropej filwaqt li tiżgura wkoll l-indipendenza ekonomika tagħhom minn atturi ta' pajjiżi terzi. Din l-istrateġija trid tistabbilixxi limiti fuq l-investiment barrani sabiex tiġi evitata kwalunkwe preżenza ta' pajjiż terz bil-potenzjal li ddgħajjef is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni tagħna. Barra minn hekk, din trid toħloq il-kundizzjonijiet qafas adatti għall-investituri pubbliċi u privati Ewropej biex jinvestu fl-infrastruttura kritika tal-portijiet u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-gateways għall-ekonomija tagħna.

L-UE teħtieġ ftuħ ekonomiku lejn il-bqija tad-dinja, permezz tal-portijiet tagħha, biex iżżomm il-prosperità u l-impjiegi fl-Istati Membri tagħha. Iżda l-kooperazzjoni tal-UE trid tiżgura li

dan il-ftuħ ma jkunx jista' jiġi abbużat u jinbidel f'dgħufija. Din hija r-raġuni għaliex ir-rapporteur jipproponi Strateġija Portwarja Ewropea. L-indipendenza strateġika u s-saħħa ekonomika tal-ġejjieni tagħna se jiddependu fuqha.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| Mercator Institute for Chinese Studies (MERICS) |
| The Vienna Institute for International Economic Studies (wiiw) |
| L-Organizzazzjoni tal-Portijiet Marittimi Ewropej (ESPO) |
| Il-Federazzjoni tal-Operaturi tal-Portijiet Privati Ewropej (FEPORT) |
| Bundesverband der Deutschen Industrie (BDI) |
| Bentley Systems |
| Koninklijke Vereniging van Nederlandse Reders (KVNR) |
| Hamburg Port Authority (HPA) |
| L-Assoċjazzjoni tat-Tagħmir tat-Tarzna u Marittimu tal-Ewropa (SEA Europe) |
| Havenbedrijf Rotterdam |
| Branche Organisatie Zeehavens (BOZ) |
| Il-Missjoni tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

28.11.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

It-tfassil ta’ strateġija portwarja Ewropea komprensiva
(2023/2059(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Iuliu Winkler

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-portijiet Ewropej huma arterja ewlenija għall-kummerċ tal-UE u dak globali, peress li 74 % tal-prodotti jidħlu jew joħorġu mill-UE bil-baħar; billi, minbarra l-funzjoni strateġika tagħhom, il-portijiet qed jassumu rwol dejjem aktar importanti bħala l-ankra tat-tkabbir soċjali u ekonomiku tar-reġjuni Ewropej kif ukoll fil-provvista, il-produzzjoni, il-forniment u l-ħżin tal-enerġija, u l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport u l-industrija;

B. billi l-portijiet mhumiex biss id-destinazzjonijiet finali tal-flussi kummerċjali, iżda wkoll in-nodi fin-networks internazzjonali tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista u l-flussi kummerċjali reġjonali, flimkien mal-konnessjonijiet tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bl-ajru, li jistħoqqilhom attenzjoni ndaqs f’termini ta’ sigurtà, reżiljenza u kompetittività;

1. Jenfasizza r-rwol tal-portijiet Ewropej bħala infrastruttura kritika fl-isforzi tal-UE biex tagħti spinta lir-reżiljenza tal-katina tal-provvista, speċjalment f’oqsma ewlenin marbuta mat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali u fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija; jisħaq li, matul il-pandemija, il-portijiet kellhom rwol kruċjali biex jiżguraw il-kontinwità tal-ktajjen tal-provvista ta’ emerġenza;

2. Jevidenzja li fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid, wara l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-portijiet għandhom rwol essenzjali biex iżommu r-rotot kummerċjali u l-ktajjen tal-provvista operattivi u biex jistabbilixxu rotot alternattivi ġodda, inklużi korsiji umanitarji u ta’ solidarjetà, filwaqt li jibnu r-reżiljenza permezz tad-diversifikazzjoni; jissottolinja wkoll li l-portijiet Ewropej huma kruċjali fis-salvagwardja tal-provvisti tal-enerġija u fit-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika mir-Russja u se jibqgħu strumentali għat-tisħiħ mill-ġdid tal-Ewropa fuq terminu qasir, billi jrawmu l-iżvilupp ta’ rotot alternattivi għall-forniment tal-gass u jżidu l-ħżin tal-gass; b’mod parallel, jisħaq li l-portijiet se jkollhom rwol importanti fl-ekoloġizzazzjoni tat-trasport, l-industrija u l-enerġija;

3. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri li jaqsmu fruntiera mar-Russja qed jiffaċċjaw tipi ġodda ta' sfidi loġistiċi, u peress li huwa kruċjali li l-portijiet jiffunzjonaw tajjeb biex jingħelbu dawn l-isfidi, l-UE għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-portijiet f'dawn l-Istati Membri;

4. Jevidenzja li filwaqt li l-portijiet jirrappreżentaw mutur ewlieni għat-tkabbir, dawn jistgħu jkunu wkoll sors strateġiku ta' vulnerabbiltà li jeħtieġ attenzjoni prijoritarja fil-livell tal-UE;

5. Jinnota li l-portijiet Ewropej għandhom impatt fuq l-ekonomija u s-soċjetà reġjonali, u huma esposti għal riskju għoli għas-sigurtà; jisħaq li l-portijiet Ewropej għandhom ikunu protetti b'mod partikolari bħala faċilitajiet kritiċi għall-Istati Membri;

6. Jemmen li l-iżvilupp tal-portijiet Ewropej huwa meħtieġ sabiex jinżamm l-għan tal-UE li taħdem favur kummerċ internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li jkun ta' benefiċċju għat-tkabbir u għall-ġid globalment;

7. Jevidenzja li politika kummerċjali tal-UE miftuħa, ġusta, sostenibbli u assertiva, abbinata ma' ftehimiet kummerċjali ambizzjużi u bilanċjati, hija element ewlieni għall-kompetittività u għar-reżiljenza tal-portijiet Ewropej, kif ukoll għat-tkabbir, għall-impjiegi u għall-prosperità soċjali tal-Ewropa; jisħaq li l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa tiddependi minn kundizzjonijiet ekwi globali u bbażati fuq ir-regoli;

8. Jirrikonoxxi li l-kapaċitajiet tal-manifattura marittima tal-Ewropa huma essenzjali għall-awtonomija strateġika marittima, għall-innovazzjoni u għat-tkabbir sostenibbli tal-UE kif ukoll għall-ambizzjonijiet tal-UE li tmexxi t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; jemmen li r-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin u l-għodod awtonomi huma essenzjali għall-preservazzjoni u t-trawwim tal-bażi industrijali marittima Ewropea;

9. Ifakkar li l-UE jeħtieġ li ssib bilanċ bejn l-attrazzjoni ta' investimenti barranin u d-difiża tal-infrastruttura kritika tagħha, inkluża l-integrità tal-portijiet tagħha;

10. Jinnota li l-operat u l-iżvilupp ulterjuri tal-portijiet Ewropej huma kwistjoni kumplessa li teħtieġ approċċ xieraq f'għadd ta' dimensjonijiet funzjonali, mhux biss strettament f'termini ta' infrastruttura jew sovrastruttura, iżda fuq kollox f'termini ta' relazzjonijiet kummerċjali, sigurtà u sistemi tal-IT;

11. Jenfasizza li strateġija Ewropea konsistenti għall-portijiet hija essenzjali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta; iħeġġeġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-portijiet Ewropej u l-eliminazzjoni ta' prattiki dannużi bħall-ipprezzar aktar baxx milli suppost;

12. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kompetizzjoni inġusta potenzjali minn portijiet mhux tal-UE peress li dawn huma eżenti mill-applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet fit-trasport marittimu Ewropew;

13. Jinnota li l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni reċenti jew pendenti tal-UE, inkluż fil-qasam tal-kummerċ, tirrikjedi infurzar effettiv mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, kif ukoll investimenti u taħriġ sostnuti għall-operaturi u l-awtoritajiet tal-portijiet, inkluż fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", jew biex il-portijiet tal-UE jkunu jistgħu jaqdu rwol fit-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li

jissodisfaw id-domanda f'oqsma ewlenin bħall-importazzjonijiet tal-idroġenu; ifakkar fl-importanza ta' kundizzjonijiet ekwi globali f'dan il-qasam ewlieni;

14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntieri u tad-dwana sabiex ikunu jistgħu jinfurzaw aħjar il-leġiżlazzjoni tal-UE;

15. Ifakkar li sal-2030, l-UE għandha l-għan li timporta 10 miljun tunnellata ta' idroġenu ekoloġiku u, biex tilħaq dan l-għan, strateġija komprensiva dwar l-importazzjoni, il-koordinament u l-iżvilupp tal-infrastruttura hija essenzjali għall-Istrateġija Ewropea tal-Portijiet u għandha tiġi stabbilita minnufih; jinnota li bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u bl-istrateġiji tal-enerġija aġġornati, il-portijiet Ewropej qed jevolvu f'ċentri essenzjali tal-enerġija, u dan ir-rwol emerġenti jrid jiġi rikonoxxut u enfasizzat b'mod xieraq fl-istrateġiji ta' finanzjament u fl-iżviluppi tal-infrastruttura futuri;

16. Jevidenzja wkoll il-ħtieġa li l-programmi tal-UE jappoġġjaw il-portijiet bħala ċentri f'konformità mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li javvanzaw it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika f'oqsma bħall-elettrifikazzjoni, l-investimenti 5/6G u l-idroġenu;

17. Jenfasizza li, f'ċerti każijiet, il-kummerċ u l-investiment barranin jistgħu jikkawżaw vulnerabbiltajiet f'termini ta' sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tas-sjieda u l-kontroll tal-infrastrutturi kritiċi tal-UE minn atturi barranin, inklużi l-portijiet Ewropej, kif ukoll tal-aċċess għalihom minn tali atturi; jinnota, f'dan ir-rigward, in-natura speċjali ta' xi portijiet, li mhux biss jipprovdu infrastruttura loġistika iżda jikkontribwixxu wkoll għas-sistema Ewropea tad-difiża; jappella għal aktar viġilanza u aktar koordinament fil-livell tal-UE, inkluż fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-linji gwida tas-sigurtà rilevanti għall-operaturi nazzjonali u privati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE jagħtu prijorità għolja lill-protezzjoni tal-infrastruttura kritika;

18. Jemmen li l-investimenti barranin f'infrastruttura essenzjali u kritika li jistgħu jippermettu parteċipazzjoni effettiva jew kontroll (dirett jew indirett) fil-ġestjoni tal-port għandhom jiġu skrutinizzati bir-reqqa; jissottolinja li l-investimenti barranin, minn kumpaniji appoġġjati mill-Istat jew sussidji mill-Istat fil-forom kollha li jippermettu parteċipazzjoni effettiva jew kontroll dirett jew indirett fuq il-ġestjoni tal-port, għandhom jiġu evitati; iqis li, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa, trid tiġi żgurata l-kompetizzjoni fuq bażi ugwali u li l-kundizzjonijiet ekwi u l-kompetittività tal-Ewropa ma jistgħux jitħallew jiġu mminati minn sussidji barranin distorsivi fil-portijiet Ewropej;

19. Jissottolinja li l-kumpaniji tal-Istat Ċiniżi fittxew li jakkwistaw ishma maġġoritarji jew ta' kontroll f'għadd ta' portijiet Ewropej, u dan huwa attwalment stmat li jinkludi kontroll totali jew parzjali fuq 14-il port fl-Unjoni Ewropea u 10 % tal-attivitajiet Ewropej tat-tbaħħir; iwissi li dan mhux qed iseħħ biss minħabba sempliċi interessi ekonomiċi, iżda dawn l-investimenti huma wkoll parti mill-hekk imsejħa "governanza internazzjonali tal-oċeani" tal-gvern Ċiniż, li tissarraf f'politiki bħall-Inizjattiva "Belt and Road"; din hija strateġija li għandha l-għan li tikseb influwenza fuq l-infrastruttura navali Ewropea ewlenija u kwistjoni distinta ta' sigurtà ekonomika ta' importanza konsiderevoli fil-kuntest attwali tal-kompetizzjoni ġeopolitika; jinsab konvint li r-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment hija strateġikament importanti, tippreżenta sfidi strateġiċi, għandha tkun ibbażata fuq ir-

regoli u għandu jkollha sistema kummerċjali multilaterali u l-prinċipju ta' reċiproċità fil-qalba tagħha, kif ukoll kontroll Ewropew ċar tal-infrastruttura kritika; jenfasizza f'dan il-kuntest l-aspettattiva li ċ-Ċina tappoġġja riforma ambizzjuża tad-WTO; jinsisti fuq aktar reċiproċità u jirrakkomanda azzjonijiet b'saħħithom tal-UE kontra regolamenti u prattiki Ċiniżi inġusti;

20. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet portwarji nazzjonali, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jiżviluppaw format adegwat għall-kooperazzjoni strateġika bejn il-portijiet Ewropej sabiex jitnaqqas ir-riskju li atturi terzi jilagħbuhom kontra xulxin;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-projbizzjoni fuq il-kabotaġġ għall-bastimenti Ewropej bejn il-portijiet Ċiniżi u bejn il-portijiet tal-Istati Uniti u jitlob li tiżdied ir-reċiproċità u li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' valutazzjoni tar-reċiproċità fl-UE kollha li jippermetti lill-UE tiddetermina l-livell ta' ftuħ tas-swieq barranin għat-trasportaturi Ewropej;

22. Itenni li l-indipendenza, il-kompetittività u s-sigurtà tal-portijiet Ewropej flimkien ma' infrastruttura kritika oħra rilevanti għall-kummerċ iridu jkunu parti integrali mill-istrateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika[1], skont il-mudell tal-UE għat-tnaqqis tar-riskji;

23. Jisħaq li Strateġija Ewropea għall-Portijiet trid tinkorpora miżuri biex tipprevjeni oligopolju fil-kumpaniji tat-tbaħħir tal-linja milli jiddominaw il-loġistika kemm fuq l-art kif ukoll lil hinn mill-kosta u li, minħabba raġunijiet ta' kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi, it-trattament tat-taxxa preferenzjali attwali għall-kumpaniji tat-tbaħħir tal-linja jrid jintemm immedjatament; jinnota li dan it-trattament favorevoli ta lil dawn il-kumpaniji saħħa fis-suq u ppermettielhom jifirxu l-attività tagħhom lejn segmenti oħra tas-settur tal-loġistika u li din id-disparità fir-regolamenti tal-kompetizzjoni u tat-taxxa tippermetti lill-entitajiet dominanti fit-tbaħħir tal-kontejners jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq il-loġistika tal-portijiet u ż-żoni interni;

24. Jevidenzja l-importanza strateġika u l-potenzjal ekonomiku tal-Artiku, u għalhekk il-ħtieġa li l-UE tifhem aħjar l-industrija marittima tal-Artiku u tattira investimenti ġodda fir-reġjun;

25. Jappella biex il-bastimenti li l-aħħar port tal-waqfa tagħhom jew dak li jmiss ikun fil-Federazzjoni Russa ma jingħataw aċċess għall-ebda port tal-UE, ħlief fil-każ ta' raġunijiet umanitarji ġustifikati meħtieġa;

26. Ifakkar li r-regolament dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin (ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB)[2] jindirizza r-riskji għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku li jirriżultaw minn investimenti minn pajjiżi mhux tal-UE, inklużi dawk li jikkonċernaw il-portijiet Ewropej;

27. Jistenna bil-ħerqa r-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ambizzjuża li tindirizza b'mod adegwat il-lakuni kollha li ħarġu fid-dieher matul l-implimentazzjoni tar-Regolament

[1] Il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika (JOIN(2023)0020).
[2] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1).

dwar l-Iskrinjar tal-IDB, inkluż fir-rigward tal-infrastruttura kritika Ewropea; jappella għal strument imsaħħaħ, b'konsistenza akbar fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-kamp ta' applikazzjoni u l-aspetti proċedurali tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma adottawx mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar biex jagħmlu dan mingħajr dewmien; iqis li l-valutazzjonijiet abbażi tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB għandhom isiru f'perjodu ta' żmien raġonevoli u jirrispettaw il-kunfidenzjalità matul il-proċess ta' skrinjar, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-investituri potenzjali kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati u tiġi ssalvagwardjata l-attraenza tal-Ewropa għal investimenti ġodda;

28. Jenfasizza r-rwol konsiderevoli li l-Global Gateway jista' jkollha fit-tisħiħ tan-network tal-portijiet Ewropej ma' pajjiżi terzi, l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-espansjoni tal-opportunitajiet ta' investiment, u għaldaqstant fil-ħolqien ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur sostenibbli; ifakkar fir-rwol tad-diplomazija ekonomika, inkluża d-dimensjoni parlamentari tagħha, fil-promozzjoni ta' tali inizjattivi emblematiċi Ewropej u fit-tisħiħ tas-sħubijiet internazzjonali għal kummerċ reżiljenti, sostenibbli u diversifikat;

29. Jisħaq, f'dan il-kuntest, li din l-istrateġija trid tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-pajjiżi sħab, u b'mod partikolari għall-indipendenza tagħhom f'termini ta' infrastruttura strateġika kritika, biex timpedihom milli jaqgħu taħt il-kontroll ta' investituri barranin b'għanijiet ambigwi;

30. Jisħaq għal darb' oħra fuq l-importanza li tiġi żgurata l-kompetittività tal-portijiet Ewropej, inklużi l-innovazzjonijiet u l-ħiliet teknoloġiċi relatati, għall-politika kummerċjali tal-UE; jargumenta li Strateġija Ewropea għall-Portijiet komprensiva trid tipprovdi koerenza, stabbiltà u prevedibbiltà għal qasam strateġiku ta' tkabbir, filwaqt li trawwem il-potenzjal għall-iżvilupp tal-operaturi, tal-bennejja tal-bastimenti u tal-baħħara Ewropej; huwa konvint li tali strateġija tkun konformi mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà ekonomika, tagħti spinta lir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista billi żżid is-saħħa interna, flimkien mad-dimensjonijiet tal-provvista u d-domanda tal-ktajjen tal-valur għal tali infrastruttura kritika;

31. Jissottolinja l-importanza ta' ambjent marittimu u loġistiku b'saħħtu, kompetittiv u diversifikat għall-portijiet; jirrimarka, madankollu, dwar iż-żieda fis-saħħa fis-suq ta' għadd żgħir ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-linji tat-tbaħħir, li hemm riskju li taffettwa l-kundizzjonijiet ekwi u l-bilanċ ġust tal-poter bejn l-atturi differenti fl-ekosistema tal-portijiet; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza ta' djalogu effettiv u f'waqtu bejn il-portijiet u partijiet ikkonċernati oħra tal-loġistika sabiex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista li jiffunzjonaw tajjeb u jiġu evitati assi mhux rekuperabbli;

32. Jenfasizza l-importanza li l-portijiet u t-terminals Ukreni jitqiesu bħala parti integrali mis-sistema portwarja u kummerċjali Ewropea anke llum; ifaħħar l-appoġġ li l-operaturi Ewropej ta' dawn il-portijiet taw lill-persunal lokali tagħhom sa mill-bidu tal-gwerra; jirrikonoxxi l-isfidi finanzjarji severi li dawn l-operaturi bħalissa qed jiffaċċjaw minħabba l-gwerra illegali tar-Russja fl-Ukrajna; jemmen li dawn il-portijiet u t-terminals jistgħu – u għandhom – jaqdu rwol ċentrali fir-rikostruzzjoni tal-pajjiż;

33. Jissottolinja, f'dak il-kuntest, l-importanza li jissaħħaħ ir-rwol tal-portijiet Ewropej fl-iffaċilitar tat-tranżitu taċ-ċereali li joriġinaw mill-Ukrajna sabiex titneħħa l-konġestjoni

fir-rotot kontinentali, u b'hekk jingħata kontribut biex il-qamħ Ukren jinġieb lejn pajjiżi terzi li jeħtiġuh;

34. Jevidenzja l-importanza li tiġi salvagwardjata l-kompetittività tal-portijiet tal-Ewropa u li tiġi żgurata valutazzjoni robusta tal-miżuri leġiżlattivi li jistgħu jwasslu għal rilokazzjoni tan-negozji u telf tal-kompetittività għall-vantaġġ ta' portijiet barra mill-UE; jemmen li l-portijiet tal-Ewropa jeħtieġ li jingħataw aktar saħħa, inkluż fil-livell tal-UE, biex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol kritiku u essenzjali tagħhom bħala punti ta' aċċess għall-kummerċ u s-sħab fit-tranżizzjoni tal-enerġija;

35. Jevidenzja s-sett ta' għodod importanti ta' strumenti leġiżlattivi awtonomi għad-dispożizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex tiġi żgurata l-integrità tal-portijiet tagħha;

36. Iqis li unjoni doganali li tiffunzjona tajjeb hija fundamentali għall-kompetittività, għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza tal-UE; jemmen li unjoni doganali riformata u msaħħa b'kodiċi doganali komuni se tippreserva l-integrità tas-suq uniku, filwaqt li tgħin biex tinżamm il-kompetittività tal-UE fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta bejn il-portijiet Ewropej;

37. Jisħaq li d-differenzi fil-politiki tal-proċedura doganali fil-punti tad-dħul tal-UE fl-unjoni doganali spiss ifixklu l-flussi kummerċjali u jpoġġu f'riskju l-integrità tas-suq uniku Ewropew;

38. Ifakkar fl-importanza li jkun hemm fis-seħħ kontrolli doganali armonizzati fil-portijiet Ewropej kollha biex tiġi evitata applikazzjoni differenti ta' standards sanitarji jew ta' diliġenza dovuta; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kontrolli doganali fl-UE kollha jsegwu l-istess standards, permezz ta' mekkaniżmu ta' kontroll doganali unifikat u dirett, f'koordinament mal-Istati Membri u f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Portijiet Marittimi |
| Il-Federazzjoni tal-Operaturi tal-Portijiet Privati Ewropej |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + : 34<br>- : 0<br>0 : 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Daniel Caspary, Paolo De Castro, Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Karin Karlsbro, Martine Kemp, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michiel Hoogeveen, Javier Moreno Sánchez, Ralf Seekatz |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 34 | + |
|---|---|
| ECR | Bourgeois Geert, Hoogeveen Michiel, Zahradil Jan |
| NI | Beghin Tiziana, Puigdemont i Casamajó Carles |
| PPE | Asimakopoulou Anna-Michelle, Caspary Daniel, Hübner Danuta Maria, Kemp Martine, Mato Gabriel, Seekatz Ralf, Warborn Jörgen, Winkler Iuliu, Zoido Álvarez Juan Ignacio |
| Renew | Andrews Barry, Karlsbro Karin, Rafaela Samira, Rinzema Catharina, Vedrenne Marie-Pierre |
| S&D | De Castro Paolo, Kumpula-Natri Miapetra, Lange Bernd, Marques Margarida, Moreno Sánchez Javier, Rodríguez-Piñero Inma, Schuster Joachim, Tudose Mihai, Van Brempt Kathleen |
| The Left | Maurel Emmanuel, Scholz Helmut |
| Verts/ALE | Bricmont Saskia, Gregorová Markéta, Hautala Heidi, Matthieu Sara |

| 0 | - |
|---|---|

| 0 | 0 |
|---|---|

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Date adopted** | 7.12.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | + : 39<br>- : 0<br>0 : 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Mario Furore, Jens Gieseke, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Tom Berendsen, Sara Cerdas, Maria Grapini, Ondřej Kovařík, Dorien Rookmaker, Nicolae Ştefănuță |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabel García Muñoz, Andreas Glück, Erik Marquardt, Andżelika Anna Możdżanowska, Ljudmila Novak, Wolfram Pirchner, Tomasz Piotr Poręba, Eugen Tomac, Kathleen Van Brempt |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 39 | + |
|---|---|
| ECR | Lundgren Peter, Mozdzanowska Andzelika Anna, Poreba Tomasz Piotr, Rookmaker Dorien, Zlotowski Kosma |
| ID | Campomenosi Marco |
| NI | Furore Mario |
| PPE | Berendsen Tom, Braunsberger-Reinhold Karolin, Gieseke Jens, Lukacijewska Elzbieta Katarzyna, Monteiro de Aguiar Cláudia, Novak Ljudmila, Pirchner Wolfram, Thaler Barbara, Tomac Eugen, Vozemberg-Vrionidi Elissavet, Vuolo Lucia |
| Renew | Bauzá Díaz José Ramón, Bilbao Barandica Izaskun, Glück Andreas, Kovarík Ondrej, Nagtegaal Caroline, Rasmussen Bergur Løkke, Riquet Dominique |
| S&D | Cerdas Sara, García Muñoz Isabel, Grapini Maria, Liberadzki Boguslaw, Rudner Thomas, Tax Vera, Ujhelyi István, Van Brempt Kathleen, Variati Achille |
| Verts/ALE | Dalunde Jakop G., Delli Karima, Marquardt Erik, Metz Tilly, Stefanuta Nicolae |

| 0 | - |
|---|---|

| 0 | 0 |
|---|---|

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni